

## ATTI OĦRAJN

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika għall-attenzjoni tas-sidien tal-bastimenti CAPRICORN u Lynn S, li ġew miżjuda mal-lista msemija fil-punt (h) tal-Artikolu 1 u fl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44, li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra bastimenti mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU skont il-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2146 (2014), skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1423 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1456**

(2017/C 264/15)

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 <sup>(1)</sup> issejjaħ lill-Istati Membri biex jagħtu ordni lill-bastimenti, kif imsemija fil-lista elenkata fl-Anness V tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, biex ma jgħabbux, ma jittrasportawx, jew ma jhot-tux żejt mhux maħdum esportat illegalment mil-Libja, biex jiċċdu dħul fil-portijiet tal-Istati Membri u tipprojbixxi d-dispożizzjoni ta' ċerti servizzi ta' ċerti tranżazzjonijiet finanzjarji marbuta ma' esportazzjonijiet taż-żejt bħal dawn.

2. Fil-21 ta' Lulju 2017 u fit-2 ta' Awwissu 2017, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti żied il-bastimenti CAPRICORN u Lynn S rispettivament mal-lista ta' bastimenti li huma soġġetti għal miżuri restrittivi.

Dawk ikkonċernati jistgħu jippreżentaw talba fi kwalunkwe ħin lill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 1970 (2011), flimkien ma' kwalunkwe prova dokumentarja, biex id-deċiżjoniet li jiġu inklużi fil-lista tan-NU jergħu jiġu kkunsidrati. Dawn it-talbiet għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

United Nations – Focal point for delisting  
Security Council Subsidiary Organs Branch  
Room S-3055 E  
New York, NY 10017  
UNITED STATES OF AMERICA

Tista' ssib aktar informazzjoni hawn: <https://www.un.org/sc/suborg/en/sanctions/delisting>

3. Sabiex jiġu implimentati l-listi l-ġodda, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1423 <sup>(2)</sup> u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1456 <sup>(3)</sup> li jemenda l-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 <sup>(4)</sup> skont dan.

Is-sidien tal-bastimenti CAPRICORN u Lynn S jistgħu jissottomettu l-osservazzjonijiet dwar id-deċiżjoni biex dawn il-bastimenti jiġu elenkati, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn, lill-Kummissjoni Ewropea fuq l-indirizz li ġej:

European Commission  
"Restrictive measures"  
Rue de la Loi/Wetstraat 200  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

4. Qiegħda tingħbed ukoll l-attenzjoni tas-sidien tal-bastimenti CAPRICORN u Lynn S għall-possibbiltà li jikkontestaw ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1423 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1456 quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-raba' u fis-sitt paragrafi tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 206, 1.8.2015, p. 34.

<sup>(2)</sup> ĠUL 204, 5.8.2017, p. 80.

<sup>(3)</sup> ĠUL 208, 11.8.2017, p. 31.

<sup>(4)</sup> ĠUL 12, 19.1.2016, p. 1.